# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 20 ta' Diċembru 2022**

**Appell numru 275/2021**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Mandy MALLIA**

**Il-Qorti rat is-segwenti :**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-21 ta' Lulju 2021 fil-konfront ta' Mandy Mallia (detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 165794M) fejn ġiet mixlija talli bħala direttur u/jew għan-nom ta' rappreżentanza ta' C.M.A. Limited (C 17195) u/jew bħala persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skond l-Att XXIII tal-1998 u regolamenti magħmula bis-saħħa tal-istess Att, waqt spezzjoni b'sorpriża li seħħet fl-4 ta' Ġunju 2019 ġewwa Beaches Dawret Il-Gżejjer, Buġibba Malta u int jew impjegati tiegħek jew xi persuna oħra li kienet qeda taġixxi għan-nom tiegħek, inqast li tagħti jew tipproduċi riċevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali jew kotba ta' riċevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kumissarju, li jikkonformaw mal-ħtiġijiet speċifikati fil-partita 10 tat-Tlettax -il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud skond il-kumpens lilek

imħallas għal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1,2,3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 81 u 82 tal-Att Nrmu XXIII tal-1998.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, illiberat lill-appellata mill-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha fuq kunflitt ta' provi.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza fejn talbet lil din il-Qorti sabiex joġġħobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn illiberat lill-appellata mill-imputazzjoni dedotta kontra tagħha u minflok tgħaddi sabiex issib ħtija u tinfliġġi piena skont il-Liġi u dan wara li stqarret is-segwenti (in suċċint):

   i) F'dan il-każ mhux każ fejn għandna verżjoni ta' xhud wieħed kontra ieħor iżda għandna sitwazzjoni fejn għandna verżjoni mogħtija minn żewġ Revenue Inspectors li xogħolhom hu li jaraw li persuni bħal Mandy Mallia jkunu qed jaqdu dmirijiethom fuq il-post tax-xogħol u ċjoe' li jagħtu riċevuta lill-klijent li jkun qed jixtri prodott mingħandhom. F'din is-sitwazzjoni, iż-żewġ Inspectors mir-Revenue Department taw l-istess verżjoni fix-xhieda tagħhom. Ir-Revenue Inspectors ma kellhom l-ebda interess li jgħidu ħaġa b'oħra hekk kif huma kienu qed jagħmlu xogħolhom u jaqdu d-dmirijiet tagħhom waqt il-ħin tax-xogħol. Illi jiġi rilevat li mhux kull kunflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata u dan kif jingħad f'diversi sentenzi mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti. Fil-każ de quo jirriżulta li għalkemm il-verżjonijiet tax-xhieda huma kontrarji minn xulxin, il-Qorti kellha teżamina u tiżen liem verżjoni hi l-aktar kredibbli.

## D. Il-KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

4. Illi nhar l-4 ta' Ġunju 2019, saret ispezzjoni mill-ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ġewwa l-istabbiliment

Beaches Dawret il-Gżejjer, Buġibba, Malta fejn ġie rraportat kif il-persuna li dehret tħaddem il-cash register, ma ħarġitx irċevuta fiskali skont il-Liġi fuq bejgħ li kien sar waqt li huma kienu qiegħdin fl-istabbiliment. Illi jirriżulta kif il-persuna li kienet qeda fil-ħanut tħaddem il-cash register fiskali kien jisimha Mandy Mallia u li hija kienet impjegata ġewwa dak l-istabbiliment. L-ispetturi rraportaw ukoll li meta mbagħad huma marru fuqha u identifikaw ruħom, huma talbuha tħaddem il-cash register u minnha ħarġet irċevuta ta' dak li skont huma kienet għadha kemm biegħet lil dik il-persuna li kienu raw fl-istabbiliment waqt l-ispezzjoni.

5. Illi riżultat ta' din l-ispezzjoni, il-Kummissarju tat-Taxxi talab lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jipproċedu penalment kontra d-direttur tal-kumpanija C.M.A. Limited (Beaches Dawret il-Gżejjer, Buġibba Malta), Mario Giovanni Taliana, u dan skont 'letter to prosecute' eżebita f'foljo 4 tal-atti proċesswali. Ukoll, nhar il-21 ta' Lulju 2021, sar l-ewwel smiegħ tal-kawża kontra l-impjegata tal-kumpanija C.M.A. Limited, l-appellata Mandy Mallia, u l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), wara li nstemgħu l-provi taż-żewġ naħat, għaddiet sabiex tagħti sentenza fil-konfront tagħha fejn hija lliberata minħabba kunflitt fil-provi.

**Ikkunsidrat:**

6. Illi preliminarjament, din il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 83(1) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud liema dispożizzjoni tal-Liġi taqra bis-segwenti mod:

> Ma għandhom jinbdew ebda proċedimenti taħt din it-Taqsima ħlief minn jew bil-permess tal-Kummissarju, u dawk il-proċedimenti hekk mibdija jistgħu f'kull żmien qabel is-sentenza finali jiġu rtirati fuq talba tal-Kummissarju.

7. Minn qari ta' din id-dispożizzjoni tal-Liġi, jirriżulta li dak li l-Leġislatur kellu f'moħħu huwa li l-proċeduri penali taħt l-imsemmi Att jibdew biss fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi. Dan ikun ifisser li l-proċeduri penali għal ksur tad-dispożizzjonijiet taħt dan il-Att, ma jistgħux jinbdew ex officio mill-Pulizija sakemm ma tkunx qabel saret talba f'dan is-sens skont id-dettami tal-Artikolu 83(1) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-prattika, din it-talba tissejjaħ 'letter to prosecute' u titqies li hija l-bażi tal-każ tal-Prosekuzzjoni hekk kif l-

Artikolu 83(1) tal-Kapitolu 406 ma jagħti lok għall-ebda interpretazzjoni ħlief dik li jirrikjedi 'letter to prosecute' sabiex jiġu istitwiti l-proċeduri penali taħt l-imsemmi Att skont il-Liġi.

8. Ikun għalhekk isegwi illi dik ikkontemplata fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 83(1) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta mhix sempliċement formalita' iżda hija rekwiżit li tirrikjedi l-Liġi għall-validita' tal-proċeduri taħt dan il-Att. Din il-Qorti tqis ukoll li l-Liġi ma tispeċifikax x'għandu jkun fiha l-'letter to prosecute' ħlief li min-natura tagħha din għandha tikkonsisti f'talba sabiex jinbdew proċedimenti penali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 406.

9. Huwa wkoll paċifiku li din it-talba hija formolata skont id-dettami tal-Artikolu 82(2) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu din id-dispożizzjoni tal-Liġi tidentifika liema huma dawk is-suġġetti passibbli għal reat kriminali għal ksur tal-provvedimenti taħt l-imsemmi Kapitolu. L-Artikolu 82(2) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra bil-mod segwenti:

> Meta xi ħaġa ssir jew tonqos milli ssir minn impjegat fit-twettiq tal-impieg tiegħu, jew minn persuna li tkun qed taġixxi għan-nom ta' dik il-persuna reġistrata, sew jekk dik il-persuna l-oħra tkun impjegata sew jekk ma tkunx, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima bħallikieku dik il-ħaġa tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dak l-impjegat jew persuna oħra innifisha kif ukoll mill-prinċipal tagħhom jew persuna reġistrata: iżda dak il-prinċipal jew persuna reġistrata ma jkunx ħati ta' reat taħt dan is-subartikolu jekk iġib prova li ma kienx jaf u li ma setax b'diliġenza raġonevoli jkun jaf b'dak l-egħmil jew nuqqas u li huwa għamel kull ma seta' jagħmel sabiex iżomm milli jsir dak l-egħmil jew nuqqas.

10. Illi minn qari ta' din id-dispożizzjoni tal-Liġi kwindi jemerġi li s-suġġett denuċjabbli mill-Kummissarju tat-Taxxi bħala passibbli għal reat kriminali għal ksur tal-provvedimenti taħt il-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta hija dik il-persuna li dakinhar tal-allegat ksur tal-Liġi tkun:

i) Id-direttur tal-kumpanija u/jew
ii) Persuna li tkun qiegħda taġixxi għan-nom u in rappreżentanza ta' dik il-kumpanija u/jew
iii) Persuna li tkun reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skont l-Att XXIII tal-1998 u regolamenti magħmula bis-saħħa tal-istess Att.

11. U f’dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għall-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Clint Debono** deċiż nhar id-29 ta’ April 2022 fejn ġie mistqarr:

> Illi l-appellat kien mixli bi vjolazzjoni tal-liġi fiskali u cioe’ bl-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT), Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta’ Malta, u senjatament illi naqas milli jottempera ruħu ma’ dak dispost fl-artikolu 51 ta’ l-Att meta sar bejgħ li għalih ma inħarġitx ir-riċevuta fiskali.
>
> Illi l-artikolu 82 ta’ l-Att, imbaghad iqieghed fuq l-ispalla tal-persuna reġistrata mixlija b’dan in-nuqqas, l-oneru tal-prova meta hemm dispost:
>
> 82. (2) Meta xi ħaġa ssir jew tonqos milli ssir minn impjegat fit-twettiq tal-impieg tiegħu, jew minn persuna li tkun qed taġixxi għan-nom ta’ dik il-persuna reġistrata, sew jekk dik il-persuna l-oħra tkun impjegata sew jekk ma tkunx, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta’ din it-Taqsima bħallikieku dik il-ħaġa tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dak l-impjegat jew persuna oħra innifisha kif ukoll mill-prinċipal tagħhom jew persuna reġistrata: iżda dak il-prinċipal jew persuna reġistrata ma jkunx ħati ta’ reat taħt dan is-subartikolu jekk iġib prova li ma kienx jaf u li ma setax b’diliġenza raġonevoli jkun jaf b’dak l-egħmil jew nuqqas u li huwa għamel kull ma seta’ jagħmel sabiex iżomm milli jsir dak l-egħmil jew nuqqas.
>
> Illi fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jesmond Sant** din il-Qorti kif diversament ippresjeduta rriteniet is-segwenti:
>
> ‘Meta xi haga ssir jew tonqos milli ssir minn persuna li tkun qed tagixxi ghan-nom ta' persuna registrata ghall-finijiet tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ghandu jitqies bhallikieku dik il-haga tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dik il-persuna l-ohra kif ukoll mill-persuna registrata. Il-persuna registrata, pero', tista tezimi ruha minn din ir-responsabilta' vikarja jekk tipprova , imqar fuq bazi ta' probabilta' jew (a) li ma kienetx taf u li ma setghetx b'diligenza ragonevoli tkun taf b'dak l-eghmil jew nuqqas jew (b) li tkun ghamlet kull ma setghet taghmel biex izzomm milli jsir dak l-eghmil jew nuqqas. Mela l-persuna registrata trid tkun hi li tipprova dawn ic-cirkostanzi w dana almenu fuq bazi ta' probabbilita' - li hu l-kriterju tal-grad tal-prova impost fuq l-akkuzat fil-kamp penali , fejn hu tenut li jipprova xi haga.’

12. Magħdud dan kollu kwindi, fil-każ in diżamina jirriżulta mhux ikkontestat li l-appellata Mandy Mallia hija dik il-persuna li dakinhar li saret l-ispezzjoni nhar l-4 ta’ Ġunju 2019, kienet qiegħda taġixxi in rappreżentanza tal-kumpanija li tħaddimha hekk kif jidher li kienet hi dik il-persuna li kellha l-kontroll fuq l-istabbiliment u kienet ukoll responsabbli mill-bejgħ tal-prodotti minn ġewwa l-imsemmi stabbiliment. Mandy Mallia stess fix-xhieda tagħha f’paġna 29 tal-atti proċesswali tikkonferma kif dakinhar hija kienet qiegħda xogħol ġewwa l-ħanut Beaches u li kienet hi dik responsabbli mill-bejgħ hekk kif skont il-verżjoni minnha mogħtija hija kienet għadha kemm

ħarġet riċevuta għal klijenta. Jixhed ukoll Mario Giovanni Taliana bħala d-direttur tal-kumpanija/l-istabbiliment u hu wkoll jikkonferma li l-appellata Mandy Mallia kienet l-impjegata tiegħu u li kienet ilha hekk impjegata miegħu bħala salesgirl 'over 6 years naħseb'. Għaldaqstant, l-appellata Mallia tinqabad bid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 82(2) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta bħala dik il-persuna impjegata li kienet qiegħda taġixxi għan-nom tal-persuna li kienet reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi.

13. Huwa indubitat ukoll li l-persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi kienet Mario Giovanni Taliana u dan jirriżulta li kien ukoll id-direttur ta' din il-kumpanija/stabbiliment li kien suġġett għall-ispezzjoni dakinhar tal-4 ta' Ġunju 2019. Jirriżulta kif il-Prosekuzzjoni anki eżebiet dokumenti uffiċjali meħuda mid-database tal-Malta Business Registry f'paġna 6 et seq tal-atti proċesswali li juru kif Mario Taliana, KI 346263M kien reġistrat mal-awtoritajiet konċernanti bħala l-uniku direttur tal-kumpanija C.M.A. Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C 17195. Imbagħad, mil-'letter to prosecute' li tinsab f'paġna 4 tal-atti proċesswali jirriżulta ppruvat li kien Mario Giovanni Taliana, KI 346263M, bħala l-persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi bin-numru ta' reġistrazzjoni MT 1276 4604.

14. Għalhekk skont l-Artikolu 82(2) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom iwieġbu għan-nuqqas lamentat mill-Kummissarju tat-Taxxi kemm il-persuna impjegata Mandy Mallia kif ukoll il-prinċipal tagħha jew il-persuna reġistrata (li f'dan il-każ allura jissarfu fl-istess persuna nonche' fil-persuna ta') Mario Giovanni Taliana.

15. Iżda jirriżulta daqstant ieħor ċar li l-Kummissarju tal-Pulizija ma ġiex mitlub mill-Kummissarju tat-Taxxi biex jipproċedi bl-azzjoni kriminali fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kontra Mandy Mallia iżda kontra l-prinċipal/persuna reġistrata li kien Mario Giovanni Taliana. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) proċediet tisma' kawża mibdija mill-Kummissarju tal-Pulizija fuq dik il-**letter to prosecute** maħruġa kontra Mario Giovanni Taliana iżda li quddiemha deheret Mandy Mallia.

16. Din il-Qorti issa mitluba biex tiddeċiedi fuq l-appell tal-Avukat Ġenerali l-kawża deċiża kontra Mandy Mallia u lanqas m'għandha informazzjoni ta' jekk effettivament kinux ittieħdu wkoll proċeduri kontra l-istess Mario Giovanni Taliana. Iżda jirriżulta li Mario Giovanni Taliana mhux biss xehed f'dawn il-proċeduri (kif jidher minn fol 34 tal-atti) talli l-anqas ġie mwissi bid-dritt tiegħu li ma jinkriminax

ruħu bl-istess mod li jsir f'każ li xhud jista' ikun passibbli għal reat kriminali jew ikun suġġett għal tali proċeduri kontra tiegħu li jkunu għadhom sub-judice u wisq anqas saret riferenza għal xi proċedura penali li setgħet ittieħdet kontra tiegħu u li f'dak l-istadju kienet deċiża b'mod finali u konklussiv.

17. Kif diġa ngħad, Mandy Mallia, bħala persuna li aġixxiet in rappreżentanza tal-prinċipal/persuna reġistrata, kienet passibbli għal reat penali taħt l-imsemmi Att; u setgħet kienet passibbli penalment irrispettivament mill-fatt jekk ikunux ittieħdu proċeduri kriminali analogi kontra l-prinċipal jew il-persuna reġistrata. Iżda f'din l-eventwalita, ma hemm xejn fil-Liġi li teħles lill-Kummissarju tat-Taxxi mill-obbligu li jipproċedi wkoll taħt l-Artikolu 83(1) tal-Kapitolu 406 biex hu jew rappreżentant tiegħu jagħmel it-talba sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija jipproċedi penalment kontra Mandy Mallia quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

18. F'dan il-każ ma hemmx prova li l-Kummissarju tat-Taxxi kien ħareġ ukoll letter to prosecute kontra Mandy Mallia. M'hemmx prova oħra li turi li l-Kummissarju tat-Taxxi kien għamel talba analoga biex ikunu jistgħu jinbdew il-proċeduri kontra l-persuna ta' Mandy Mallia wkoll għall-ksur ta' xi dispożizzjoni taħt l-Att.

19. Dak rikjest mill-artikolu 83(1) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta hija kondizzjoni ta' proċedibbilita. Jekk dik il-kondizzjoni ma tkunx osservata, din iġġib magħha l-konsegwenza tal-improċedibbilita tal-azzjoni penali kontra l-persuna li tkun ġiet imresqa. Ġaladarba l-azzjoni kienet improċedibbli ma setgħetx tittieħed. Jekk tkun ittiEħdet xorta waħda, il-proċedurI kollha jkunu nulli, bis-sentenza inkluża.

# DECIDE

**Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi tiddikjara li l-azzjoni kriminali kontra Mandy MALLIA ttieħdet mingħajr il-permess tal-Kummissarju tat-Taxxi u għaldaqstant tiddikjara l-proċeduri meħuda kontriha, inkluż is-sentenza appellata, bħala nulli u bla effett stante li l-azzjoni f'dan il-każ kienet improċedibbli.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**